MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru. 1386/2007

**Il- Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Joseph Zahra**
**Paula Grima nee` Farrugia**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Joseph Zahra ta’ 50 sena, iben Rebecca nee` Zahra, imwieled San Giljan, fit- 3 ta’ Novembru, 1957, u residenti f’ 79, Triq Spinola, San Giljan, u detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 770757(M); u

Paula Grima nee` Farrugia ta’ 57 sena, bint William u Carmela nee` Agius, imwielda Birkirkara, fit- 23 ta’ Gunju,

1950 u residenti f' Maryann, 8, Triq Spinola, San Giljan u detentrici tal- karta ta' l- identita` bin- numru 577250(M);

Akkuzati talli f' dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta' Novembru, 2004 u fix- xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, rcevew minghand xi haddiehor jew kisbu minghand xi haddiehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, mghaxxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess mill- ligi;

U aktar talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, minghajr licenzja moghtija mill- awtorita` kompetenti, ghamlu kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f' Malta jew minn Malta, u cioe` sellfu flus b' imghaxx lil diversi persuni;

Kif ukoll talli fl- istess perjodu u cirkostanzi, xjentament kienu parti f' ghemil, jew ipprokuraw jew ghenu, jew hajjru l- ghemil ta' reat taht l- artikolu 22(1) tal- att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kelllhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 298C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 22(1)(c) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 28 ta' April 2008 l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra

taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom;dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-fedina penali taghhom li ghalkemm mhux netta lanqas m'hi allarmanti, l-fatt li d-deheb mehud b'rahan mill-imputati gie ritornat lill-parte civile qabel ma gew ntavolati dawn il-proceduri, u (ghalkemm mhux f'l-aktar stadju bikri) l-ammissjoni ta' l-imputati.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 298C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 22(1)(c) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tar-reati lilhom adebieti u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 46 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------